MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Numru. 211/2001

PULIZIJA
SUPT PATRICK SPITERI
VS
CARMEL SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri bin Paul u Carmena nee Caruana imwieled Hamrun u joqghod 30, Flat 4, Triq Fleurs Sliema ID 661444M talli f'Tas-Sliema u f'dawn il-gzejjer, fil-25 ta' Lulju 2000 u f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe:-
Bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-

jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u dan bi ksur tal-artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Talli bi qliegh jew skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh, jew biex iqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b’tali licenzja xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-jew that il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur tal-Avviz Legali 120/92.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Frar 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tieni akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza u wara li rat Art 298B u 298(1)(f) tal-kap 9 u tikkundannah ghal multa ta’ Lm350 li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------